# *X'inhu* l-"**PI pre djanjosi**"?

Il-European Patent Office (EPO) nieda dan il-proġett li joffri servizzi għall-SME's innovattivi Ewropej li preferibbilment joperaw fil-qasam teknoloġiku, u li għandhom ftit jew l-ebda esperjenza ta' PI (Propjetà Intelletwali), b'mod partikolari tal- privattivi (Patents).

***L-iskop*** tal-PI pre djanjosi huwa:

- li tingħata informazzjoni fir-rigward ta' drittijiet għall-innovazzjonijiet u l-ġestjoni tagħhom, (bħal privattivi, trademarks, disinni, sigrieti kummerċjali, liċenzji, ftehim ta' liċenzjar, u l-kuntratti), u
- biex tenfasizza l-valur tal-politika tal-PI lill-kumpanija, u flimkien mad-direttur, jaraw il-benefiċċji li jistgħu jġibu l-PI, filwaqt li jitqiesu l-prospetti futuri tal-kumpanija.

Dan huwa servizz maħdum speċifikament għal kull kumpanija, u jinkludi rapport li huwa għodda importanti biex jintużaw skond il-ħtiġijiet tal-kumpanija, anke jekk jiswa biss għall-ħarsien tal-iżvilupp tal-attività jew għall-konservazzjoni jew it-titjib tal-pożizzjoni tal-istess kumpanija fost l-imsieħba jew il-kompetituri tagħha.

Il-"PI pre djanjosi" huwa mwettaq fi tliet stadji:

- ***l-ewwel stadju***: Intervista ta' madwar siegħa mad-Direttur tal-Kumpanija;

Europäisches Patentamt
European Patent Office
Office européen des brevets

- ***it-tieni stadju***: Issir laqgħa ta' madwar siegħa mad-Direttur tal-Kumpanija fejn jingħata u jiġi diskuss ir-rapport;
- ***it-tielet stadju***: laqgħa wara sena, ta' anqas minn siegħa, biex naraw l-eżitu ġenerali ta' dan il-proġett.

*Il-benefiċċji mistennija* għall-kumpanija huma:

- djanjosi ġenwin tal-istat attwali tal-kumpanija fir-rigward tal-ħtiġijiet f'rabta mal-propjetà industrijali;
- ħsieb prospettiv ibbażat fuq l-għarfien tal-prospetti ta' żvilupp tal-kumpanija u l-għarfien tal-vantaġġi kompetittivi li jistgħu jinkisbu permezz tal-propjetà industrijali;
- rakkomandazzjonijiet u l-possibbiltajiet għall-azzjoni;
- l-identifikazzjoni ċara tal-ħiliet disponibbli u il-ħtieġa ta' ftuħ il-moħħ biex ikun hemm stampa ċara ta' kull min qed jipparteċipa u l-ispejjeż involuti tal-PI.

*Għall-appuntament*, jekk jogħġbok ikkuntattja lil:

***Maria Bonnici***

✉ maria.bonnici@gov.mt

☏ 25690206

***Kenneth Gauci***

✉ kenneth.gauci@gov.mt

☏ 25690341

Europäisches Patentamt
European Patent Office
Office européen des brevets